**IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**Illum is-6 ta' Frar, 2025**

**Rikors numru: BCT/63/2024 CV**

**Membri:**

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)
Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.
Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

---

**Marcon Properties Limited**

**vs**

**Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors tal-appell ippreżentat minn Dennis Camilleri għan-nom ta' Marcon Properties fejn permezz tiegħu huwa ppremetta u talab is-segwenti:

*Dear Sir,*

*Reference is made to notice of breach of regulation 623.08 dated 16/10/2025 ref BCA/Po8/0204/2024. (copy attached)*

*I am hereby attaching two photos clearly showing that the Sign (Tabella tal-Avviżi) was duly attached to the constrction site for permit No PA/5680/19.*

*For this reason, I kindly ask you to cancel this fine.*

*Regards,*
*Dennis*

Ra r-risposta tal-Awtorita' li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorita' appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

2. *Illi qegħdin jkunu annessi set ta' ritratti flimkien ma 'Trial of Event' immarkati bħala Dok. A, fejn jidher ċar li ma kien hemm l-ebda avviż imwaħħal;*

3. *Għaldadaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita' appellata qiegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal biex tiċħad l-appell odjern;*

4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li l-kawża tħalliet għal-llum għas-sentenza.

***Ikkunsidra:***

Dan l-appell huwa dwar allegat nuqqas li titwaħħal it-tabella tal-avviżi hekk kif rikjesta mil-Liġi Sussidjarja 623.08.

It-Tribunal jinnota li l-appellanti preżentaw żewġ ritratti li juru t-tabella in kwistjoni. Minn dawn ir-ritratti ma hemmx indikat id-data li ġew meħuda u lanqas ma xehed ebda mill-appellanti sabiex jikkonferma meta dawn ittieħdu.

Min-naħa l-oħra, l-Awtorita' appellata preżentat numru tar-ritratti li juru n-nuqqas tat-tabella u kif ukoll id-data li l-istess ritratti ittieħdu u ċioe d-data tas-16 ta' Ottubru, 2024. Dawn ir-ritratti ġew konfermati minn Cedric Zammit.

It-Tribunal iqis li hemm nuqqas ta' provi da parti tal-appellant filwaqt li l-Awtorita' appellata ġabet il-provi kollha neċessarji sabiex tissostanzja l-ordni tagħha u għaldaqstant ser jgħaddi sabiex jiċħad l-appell u jikkonferma l-ordni u l-penali amministrattiva imposta.

**Decide**

Dan it-Tribunal, għar-raġunijiet fuq imsemmija qiegħed jiċħad l-appell u jikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni ta' nhar is-16 ta' Ottubru, 2024.

**********************VERU KOPJA TAL-ORIGINAL**********************

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Christopher L Vella** | **Perit Samuel Formosa** | **Inġ. Johan A. Psaila** |
| **Chairperson** | **Membru** | **Membru** |